MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 356/2004/1

**Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo**

**v.**

**Karl Vella Petroni**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu 2009.

2. L-atturi qed jappellaw mil-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Ewwel Qorti.

3. Ghall-ahjar intendiment ta' dan l-Appell, is-sentenza appellata qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:
"**Il-Qorti,**

"Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fit-18 ta' Mejju, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

"Illi fl-4 ta' Lulju 2003 ghal habta tal-11.30 p.m., waqt li l-attur Glenn Bartolo kien qed isuq motorcycle Nru. EBG 751, propjeta' tal-attur Emanuel Bartolo, go Triq San Pawl, Naxxar, huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-car Volkswagen Polo Nru. KVP 111 misjuqa mill-konvenut (Dok.A) ;

"Illi bhala konsegwenza ta' l-incident, l-attur Glenn Bartolo garrab "damnum emergens" konsistenti minn spejjes medici, spejjes farmacewtici u telf ta' introjtu mix-xoghol tieghu, kif ukoll "lucrum cessans" minhabba l-fatt li sofra griehi gravi fil-persuna tieghu tant li ghadu qed ibati minn debilita' permanenti kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku datat 24 ta' Jannar 2004 (Dok.B);

"Illi bhala konsegwenza tal-istess incident, l-attur Emanuel Bartolo garrab "damnum emergens" konsistenti fil-hsara tal-motorcycle tieghu Nru. EBG 751;

"Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

"Illi l-konvenut, interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha subiti mill-atturi, baqa' inadempjenti;

"Talbu ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. “tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;
2. “tillikwida d-danni kollha tal-atturi occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. “tikkundannah sabiex ihallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut minnu in linea ta' danni;

“Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Settembru 2003, dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-16 ta' Frar 2004 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-kumpannija ta' assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

“Rat id-Dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xiehda tal-atturi;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Karl Vella Petroni, li *in forza* taghha, huwa eccepixxa :

1. “Illi kif ser jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh ta' din il-kawza, il-konvenut hu ma kienx responsabbli ghall-incident imsemmi li fil-fatt sehh unikament minhabba l-imprudenza, l-imperizja, n-negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur Glenn Bartolo u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
2. “Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-Dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xiehda tal-konvenut Karl Vella Petroni;

“Rat id-digriet taghha ta’ l-1 ta’ Lulju, 2004, li permezz tieghu hatret lit-tabib Mr. Charles Grixti bhala espert mediku, bis-soliti fakoltajiet inkluz li jisma’ x-xhieda bil-gurament;

“Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

“Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat ir-rapport mediku tal-kirurgu Mr. Charles Grixti, mahtur mill-Qorti bhala espert mediku minnu ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Frar, 2005;

“Il-Qorti rat illi minkejja l-fatt illi l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut fil-15 ta’ Dicembru, 2006, il-konvenut ma ressaq l-ebda provi sas-seduta tad-9 ta April, 2008.

“Illi fid-9 ta April, 2008, dehru l-avukati difensuri tal-partijiet. Il-konvenut u x-xhud Noel Agius, imsejjhin tlett darbiet ma dehrux u l-konvenut iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq. Giet trattata l-kawza u giet differita’ ghas-sentenza. Aktar tard regghu dehru d-difensuri tal-partijiet u l-avukat difensur tal-konvenut talab lill-Qorti tikkoncedilu illi jixhed il-konvenut. L-Avukat difensur ta’ l-attur oppona u in vista tal-fatt illi l-istadju tal-provi kien maghluq, il-kawza giet trattata u giet ukoll differita ghas-sentenza u l-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut u halliet il-kawza ghas-sentenza, anke minhabba l-fatt illi l-konvenut gie liebes mhux xieraq sabiex jixhed fil-Qorti;

“Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta’ l-Avukati difensuri tal-partijiet;

“Ikkunsidrat;

“Illi irrizulta mill-provi u senjatament mix-xhieda ta’ PS 586 Joseph Brincat, li xi hadd kien caqlaq il-mutur wara l-incident u li x’aktarx kienu membri tal-pulizija stess li kienu caqilqu l-mutur u ghalhekk l-isketch sar bil-mutur fil-posizzjoni illi sabu s-Surgent PS 586 meta wasal fuq il-post. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar illi sehh l-incident kienu involuti fil-kollizjoni l-mutur numru ta’ registrazzjoni EBG 751 misjuq minn Glenn Bartolo u l-vettura numru ta’ registrazzjoni KVP 111 li kienet qeghda tinstaq mill-konvenut Karl Vella Petroni. Is-Surgent kellem lis-sewwieq tal-vettura, cioe’ lill-konvenut, izda lis-sewwieq

tal-mutur ma kellmux peress li kien ittiehed l-isptar. Is-surgent nizzel fl-okkorrenza dak illi qalulu l-partijiet peress illi x'aktarx illi kellem lill-attur x'imkien, izda certament ma kellmux fil-post fejn sehhet il-kollizzjoni;

“Is-Surgent ikkonferma l-okkorrenza u xehed illi l-konvenut kien indikalu bhala xhud lil certu Noel Agius illi allegatament kien ra l-incident isehh peress li kien fit-triq. Ix-xhud qal illi kien kellem lil Noel Agius, li sostanzjalment kien ikkonferma il-verzjoni tal-konvenut.

“Ikkunsidrat;

“Illi l-espert mediku Charles Grixti mahtur mill-Qorti wasal ghall-konkluzjoni illi Bartolo sofra ksur fl-ghadma tad-driegh tax-xellug kif ukoll fin-naha t' isfel ta' l-ghadma metakarpali tas-seba' l-kbir tal-lemin b'kagun ta' l-incident, li sehh fl-4 ta' Gunju, 2003. Huwa irkupra tajjeb minn dawn il-griehi. Ta' min isemmi li peress li l-ksur ta' l-ghadma metakarparli tas-seba' l-kbir tal-lemin kien jinvolvi l-wicc tal-gog karpometakarpali “Bartolo jista' jizviluppa artrite f'dan il-gog qabel iz-zmien. Dan minkejja l-fatt li fuq l-x-ray dan il-gog jidher intatt. Dan minhabba l-hsara li tigri lill-qarquca li tghatti l-ghadma fejn kien hemm il-gog, liema qarquca ssofri hsara mal-hin tal-ksur. Jekk jizviluppa artrite f'dan il-gog, Bartolo jkollu ugiegh fis-seba' l-kbir u ma jkunx jista' juzah b'forza.”

“Illi l-espert Mediku qal li kien qieghed jistma' d-dizabilita' li jsofri Glenn Bartolo b'kagun ta' l-incident tal-4 ta' Gunju, 2003 b'erbgha fil-mija.

“Illi l-Qorti peress li taqbel mal-konkluzjoni illi ghaliha wasal l-espert mediku minnha innominat, u qeghda taddotta l-imsemmija rapport u konkluzjonijiet u taghmilhom bhala taghha.

“Ikkunsidrat;

“Illi xehed l-attur u qal illi fil-hin tal-kollizjoni kien qieghed isur il-mutur tieghu f'St. Paul's Street, in-Naxxar, sejjer fid-direzzjoni tan-Naxxar. Il-hin kien ghall-habta tal-hdax u

kwart ta’ filghaxija, u l-attur xehed illi l-kollizjoni sehhet fit-triq principali f’St. Paul’s Street, Naxxar u sehh fi zmien it-Trade Fair. L-attur kompla jixhed li kien ghaddej wara t-traffiku, ma setax jghaddi mill-genb peress li kien hemm vetturi ipparkeggjati u kien hemm ukoll pulizija jikkontrollaw it-traffiku. Huwa qal illi t-traffiku fid-direzzjoni tieghu kien ghaddej bil-mod hafna u illi meta gie fejn hemm Triq Arnaldo Fabriani, hass karozza li dahlet fuqu min-naha tal-lemin tieghu u illi x-xufier ta’ din il-vettura, mill-ewwel qal wara l-incident illi huwa kien ipparkeggjat fin-naha l-ohra tat-triq ta’ St. Paul’s Street, ihares lejn id-direzzjoni minn fejn kien gej hu. L-attur kompla jixhed li bid-daqqa nqaleb il-mutur tieghu u huwa nqaleb ma’ l-art u waqt li kien qieghed ma’ l-art beda jghajjat biex ma jmissux il-mutur, izda dak il-hin gie is-sewwieq tal-vettura li kienet dahlet fuqu, cioe’ l-konvenut, u l-habib tieghu, li skond l-attur bdew isawwtuh bis-sieq meta kien ma’ l-art, u bdew jghidulu tparla xejn inti, m’ghandek xejn u sema’ lill-habib tal-konvenut jghid lill-istess konvenut li huma kienu tnejn u hu kien wahdu. L-attur xehed li bhala konsegwenza ta’ din il-kollizzjoni huwa wegga’ fuq kuxtejh il-leminija, fuq idejh il-leminija u wkoll fuq minkbu tax-xellug fejn waqa’ u sussegwentement inqalghet ukoll spalltu. Huwa ttiehed l-isptar bl-ambulanza ftit wara l-incident. Dwar Noel Agius, il-habib tal-konvenut, l-attur xehed li dan ma kienx riekeb fil-vettura mal-konvenut, izda dan Noel kien gie mis-side street. L-attur ikkonferma dak li hemm imnizzel fl-okkorrenza, cioe’ l-verzjoni li hu kien ta lill-pulizija, fis-sens li kien ra lill-konvenut bil-mobile f’idejh, ftit qabel ma laqtu bil-vettura tieghu. L-attur ikkonferma li l-mutur spicca kif hemm indikat fl-isketch a fol 9 tal-process, izda xehed li l-konvenut u siehbu kienu dawwru l-mutur biex jigi jhares il-kontra, izda kkonferma li fl-isketch il-mutur huwa indikat sewwa kif spicca wara l-incident. L-attur xehed illi l-ewwel li gie fuq il-post ta’ l-incident kien il-pulizija li kien qieghed imexxi t-traffiku. Huwa dam l-isptar bejn erba’ u hames tijiem, ghamlulu operazzjoni f’idejh, kien ghamilielu l-kirurgu Frederick Zammit Maempel. L-attur xehed ukoll illi dakinhar ta’ l-incident kellu ghoxrin sena u kien jahdem bhala kok mal-Corinthia Group of Companies. Huwa dam biex jirritorna ghax-xoghol xi sitt xhur. L-attur xehed ukoll illi fil-hin ta’ l-incident kellu

kuntratt definit, pero' kien jahdem full time, u meta regghu dahhluh jahdem maghhom kien dahal bhala part timer, jahdem tletin siegha fil-gimgha, u jithallas bis-siegha. L-attur xehed illi kien qieghed isuq il-mutur ta' l-ghamla Peugeot 100 u li fil-prezent kien qieghed izommu fil-garaxx, pero' kien ghadu ma sewwiehx. L-attur ikkonferma li kienet saret survey fuq il-mutur min-naha ta' l-insurance tal-konvenut u kkonferma wkoll li l-kirurgu Zammit Maempel kien irrilaxxalu certifikat li jinsab esebit f'dawn il-proceduri. L-attur xehed illi meta gie s-Surgent fuq il-post ta' l-incident, il-mutur tieghu kien qieghed ihares lejn San Pawl il-Bahar, u mhux kif indikat fl-isketch. Huwa xehed illi ma setax kien qieghed jaqbez minn fuq in-naha ta' gewwa, cioe' minn fejn hemm il-bankina, kif kien allega l-konvenut, u dana peress illi kien hemm vetturi parkeggjati. L-attur xehed illi kien miexi wara t-traffiku u ghalhekk quddiemu kien hemm vettura u warajh kien hemm vettura ohra.

"Ikkunsidrat :

"Illi xehed PC 1002 Alfred Sciberras u qal illi dakinhar ta' l-incident huwa kien assenjat fis-sezzjoni tat-traffiku, peress li kien hemm it-Trade Fair in-Naxxar u kien qieghed jidderigi t-traffiku f'dik il-parti li huma jsibuha bhala il-Maqrut, cioe' dik it-triq li tiehu lejn l-entratura tal-fiera. Huwa kkonferma li kien hemm hafna traffiku kemm f'direzzjoni, kif ukoll fid-direzzjoni opposta, u l-vetturi kienu ghaddejjin wahda wara l-ohra. F' hin minnhom giet karozza u s-sewwieq taghha qallu li kien gej min-naha tan-Naxxar sejjer lejn il-fiera u kien ghadhom kemm tajjru lil xi hadd bil-mutur, u ghalhekk huwa qabad il-mutur tieghu u mar biex jara x'kien gara. Meta dahal fuq il-post fejn gara l-incident sab mutur ma' l-art wiccu jhares lejn is-side street u hdejn il-mutur, ftit 'il boghod minnu kien hemm l-attur li kien qieghed kokka u hdejh kien hemm tnejn min-nies li kienu qed jaghtuh fuq rasu u jghidulu "ejja qum minn hemm." Huwa gibed lil dawn it-tnejn min-nies minn fuq l-attur u qalilhom li misshom jisthu ghal dak li kienu qeghdin jaghmlu. Huwa xehed li kien hemm ukoll vettura li kienet qeghda thares lejn is-side street, bin-numru ta' registrazzjoni KVP 111 u qalulu li b'mod

partikolari il-mutur kienu caqalquh wara l-habta. Ix-xhud ikkonferma li qabel ma wasal is-Surgent waslet l-ambulanza, izda sussegwentement wasal is-Surgent li kien qieghed jinvestiga l-kollizjoni u jaf li kellem lill-attur, qabel ma l-attur mar l-isptar bl-ambulanza. Ix-xhud qal li fejn grat il-habta kien hemm id-debris u li wiehed minn dawk iz-zewg persuni li kienu qeghdin jaghtu lill-attur fuq rasu kien is-sewwieq tal-vettura KVP 111. Meta gie muri l-iskizz, ix-xhud indika permezz ta’ l-ittra X fejn deherlu li kien hemm id-debris. Huwa qal illi kemm il-vettura kellha xi grif fuq quddiem, waqt li l-mutur kellu xi hsarat fuq in-naha ta’ taht. In kontro-ezami, x-xhud qal illi dawk iz-zewg persuni illi rahom jaghtu fuq ras l-attur, rahom ukoll jaghtu lill-attur xi daqqiet tas-sieq u kien informa b’dan lis-Surgent. Huwa xehed li dawk iz-zewg persuni qalulu li huma stess kienu caqalqu l-mutur sabiex jghaddi t-traffiku.

“Ikkunsidrat;

“Illi xehed Roderick Bajada, li jahdem fid-Dipartiment tal-Human Resources tal-Corinthia Group of Companies, u qal illi fis-sena 2003 l-attur kien beda jahdem mal-Corinthia bhala Kok 3 u kellu kuntratt definit ta’ tlett xhur. Huwa xehed illi wara li kien involut f’dan l-incident awtomobilistiku l-attur ma kompliex jigi ghax-xoghol u kien ezawrixxa s-sick leave entitlement tieghu. Huwa xehed li l-attur tilef paga ta’ mija u disgha u sittin lira u hamsin centemzu kull hmistax-il gurnata u dan minn meta ma kompliex jigi ghax-xoghol sakemm spicca l-kuntratt. Hu qal illi l-attur rega’ inghata kuntratt iehor definit mid-9 ta’ Settembru 2003, dejjem ghal tlett xhur, izda din id-darba kien impjegat fuq bazi part-time. Huwa xehed li l-attur ghadu impjegat mal-Corinthia u xehed illi part timer jaghmel massimu ta’ tletin siegha fil-gimgha xoghol. Ix-xhud ikkonferma kopja tal-payslip fir-rigward ta’ l-attur u dana fil-perjodu indikat fuq l-istess dokument, li jinsab esebit a fol 51 tal-process.

“Ikkunsidrat;

“Illi xehed David Debono u qal illi l-vettura KVP 111 kienet assigurata mas-socjeta’ assikuratrici li jahdem maghha, u

li l-assikurat kien P. Vella Petroni. Huwa ikkonferma li din il-vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku fl-4 ta' Lulju, 2003 fin-Naxxar u li dak il-hin kien qieghed isuq il-vettura Karl Vella Petroni. Ix-xhud qal ukoll li saret claim mill-assikurati taghhom u bhala konsegwenza ta' din il-claim huma ghamlu zewg surveys, wahda fuq il-vettura tal-klijent taghhom u l-ohra fuq il-vettura ta' l-attur. Ix-xhud esebixxa s-survey li saret. Huwa ikkonferma illi l-hsara kienet tammonta ghal erba' mitt lira spare parts u hamsa u erbghin lira bhala mechanical labour u ghalhekk b' kollox il-hsara fil-mutur ta' l-attur kienet tammonta ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (LM445).

"Illi giet esebita wkoll is-survey tal-hsarat illi saru fuq il-vettura tal-konvenut, liema hsarat ammontaw b'kollox ghas-somma ta' tlett mija, tnejn u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM 382.96).

"Illi l-Qorti issa sejra tghaddi sabiex tezamina t-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

"Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba u cioe' sabiex il-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrbu l-atturi, il-Qorti, wara illi fliet u ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, rat illi l-incident in kwistjoni sehh meta l-konvenut illi kien ipparkjat fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kien gej l-attur, meta sab il-mument gust minhabba t-traffiku li kien ghaddej, qasam biex jidhol go triq tal-genb u ghalhekk qasam il-flow ta' traffiku li kienet gejja kontrih u gie in kollizzjoni mal-mutur.

"Illi dana kollu johrog kemm mix-xhieda ta' l-attur, mill-iskizz, kif ukoll mix-xhieda ta' PC 1002 Alfred Sciberras, li kien fuq il-post, ftit wara li sehh l-incident.

"Illi mix-xhieda ta' l-istess PC 1002 Alfred Sciberras, irrizulta illi wara l-incident il-mutur kien f'nofs il-carriage way tieghu, fejn suppost ikun u ghalhekk ma tistax tigi emmnuta l-verzjoni tal-konvenut kif imnizzla fl-okkorrenza, fis-sens illi l-mutur misjuq mill-attur kien qieghed jipprova

jaqbez min-naha tax-xellug tat-triq minnflok in-naha tal-lemin.

“Illi fuq skorta tal-gurisprudenza nostrana jirrizulta illi min ikun ser jidhol minn triq ghal go triq ohra u b’hekk ikun qieghed jikser il-kurrent tat-traffiku li jkun sejjer ghad-dritt u jaqsam l-istess triq traversalment, ghandu joqghod ferm attent qabel jaqsam u jekk ikun hemm bzonn anke jieqaf biex jara sewwa qabel ma jaqsam, vide sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tat-30 ta’ Marzu, 1940 fl-ismijiet il-Pulizija vs Grezzju Tanti.

“Illi f’sentenza deciza minn din il-Qorti fis-17 ta’ Frar, 1998 fl-ismijiet Yvonne Vella vs Angelo Zammit, gie ritenut illi kienet x’kienet il-velocita’ tal-karozza ta’ l-attrici, la darba l-konvenut kien ser jinvadi l-lane mnejn kienet ghaddejja l-konvenut ma kienx imissu jaghmel dik il-manuvra jekk qabel ma jassikurax ruhu li ma kienx sejjer igieghel lit-traffiku l-iehor inaqqas il-velocita’ jew ibiddel id-direzzjoni biex ma jolqtux.  Jekk lill-karozza tal-attrici ma rahiex jew ghalkemm raha ghamel kalkolu hazin li xorta seta’ jaqsam minn quddiemha, il-konvenut ikun jahti ghall-incident.

“Illi f’kawza deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 2004 fl-ismijiet Elmo Insurance kontra Mario Zammit, kienet sehhet habta fi Triq Tal-Barrani.  Vettura kienet gejja minn B’Bugia u vettura ohra riedet taqsam il-karreggjata ta’ din il-vettura sabiex tidhol fi triq laterali u l-Qorti iddecidiet illi fejn si tratta tal-obbligu tal-proper lookout, dan l-obbligu jaqa fuq is-sewwieq li se jaqta’ l-kurrent tat-traffiku gej mill-faccata.

“Illi fis-sentenza fl-ismijiet John Farrugia kontra Edmond Camilleri Appell Civili numru 1812/2004 deciz fid-9 ta’ Mejju, 2007 il-Qorti qalet illi ma hemmx dubju, li jekk jigi ritenut li l-attur kien fi triq laterali hiereg ghal fuq triq magguri u transitat f’dak il-mument mill-konvenut, allura jrid jinghad fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna li hu kellu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora tajjeb it-triq principali, li jieqaf ghal kollox fuq l-istop sign, li johrog “inching out” sakemm jaccerta ruhu li t-triq hi libera u jkun jista johrog bla hsara

(ara Il-pulizija vs Anthony Galea Appell Kriminali deciz fil-5 ta’ Settembru, 1953, u Il-Pulizija vs John Gregory, Appell Kriminali deciz fit-28 ta’ Settembru 1963).

“Ghaldaqstant il-Qorti tara li ghandha tintlaqa’ l-ewwel talba attrici;

“Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici sabiex il-Qorti tillikwida d-danni kollha ta’ l-atturi, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, l-Qorti tara illi fir-rigward ta’ damnum emergens l-attur ipprezenta a fol 39 tal-process id-Dokumenti ZM1 sa ZM4 izda ma ipprezentax ircevuta tal-hsara li sofra l-mutur;

“Illi xehed David Debono, claims manager li qal illi bhala parts u labour il-mutur kellu hsara ta’ erba’ mija u hamsa u erbghin lira (LM445), ghalhekk dan l-ammont irid jittiehed in konsiderazzjoni, vide sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet Vincent Axisa vs Alfred  Fenech, tas-16 ta April, 1991.

“Illi fir-rigward tal-lucrum cessans irrizulta li l-attur sofra dizabilita ta’ 4% u kellu 20 sena meta gara l-incident. Minn ezami akkurat tal-gurisprudenza nostrana dwar it-tul tal-multiplier, aktar ma tkun baxxa l-eta tad-danneggjat fid-data tal-incident, inqas huwa l-multiplier, propju ghaliex ic-“chances and changes of life” huma determinanti fil-hajja tal- bniedem.  Hekk per ezempju fis-sentenza Butler vs Heard, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Dicembru, 1967 u fil-kawza Turner vs Agius, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Novembru, 2003 f’ liema sentenza giet adottatat multiplier ta’ 30 sena ghal zaghzugh ta’ 17-il sena, waqt li fis-sentenza Scicluna vs Meilaq tas-7 ta’ Ottubru, 2004, gie adottat multiplier ta’ 15-il sena ghal persuna li kellha 42 sena fil-hin ta’ l-incident;

“Illi fil-kaz odjern l-attur kellu ghoxrin sena meta sehh l-incident in kwistjoni u dak iz-zmien kellu paga netta ta’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM126.29.0) kull hmistax u gross ta’ mija u disgha u ghoxrin lira u sebghin centezmu (LM129.70.0) kull hmistax .  Huwa kien fuq kuntratt definit ta’ tlett xhur.

“Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ser tadotta l-multiplier bhala tletin sena, kif thoss li hu xieraq fid-dawl tas-sentenzi imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

“Illi dan igib illi r-risarciment ghad-danni subiti mill-atturi issa jaqra hekk: Paga fil-gimgha LM63.14c5 x 52 gimgha x 30 sena x 4% dizabilita’, liema somma tammonta ghal tlett elef, disgha mija u erbghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (LM3,940.24c8) liema somma hija ekwivalenti ghal disa’ telef, mija u tmienja u sebghin euro u wiehed u tletin euro centezmu (€9,178.31).

“Illi minn din is-somma il-Qorti tista’ tnaqqas ghoxrin fil-mija bhala lump sum payment, izda peress illi dan il-kaz sehh hames snin ilu, u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tenut kont ukoll tax-xebgha illi qala’ l-attur, il-Qorti tara li m’ghandux ikun hemm tnaqqis tal-lump sum payment.

“Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi qeghda tilqa’ t-talbiet kollha attrici.

“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qeghda tilqa’ t-talbiet kollha attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-4 ta’ Lulju, 2003 ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija fi Triq San Pawl in-Naxxar, u qeghda tiddikjara lill-konvenut ukoll unikament responsabbli ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta’ l-istess garrbu l-atturi. Il-Qorti tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ disa’ telef, mija u tmienja u sebghin euro u wiehed u tletin euro centezmu (€ 9,178.31) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma fuq likwidata in linea ta’ danni.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

**<u>L-appell tal-attur</u>**

4. L-atturi hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b'rikors prezentat fl-1 ta' April 2009.

5. L-aggravji tal-appellanti jirrigwardaw il-likwidazzjoni tad-danni b'mod partikolari s-segwenti:

i. Fl-ewwel lok id-*damnum emergens* gew skartati kompletament mill-Ewwel Qorti.

ii. Fit-tieni lok, il-kriterji adottati mill-Ewwel Qorti fil-kalkolu taghha tal-*lucrum cessans* gew adoperati b'mod sbilancjat u ngust; in partikolari l-bazi tal-*multiplier* u t-tul tal-istess *multiplier.*

6. L-appellanti mhux qed jikkontestaw (i) ir-rata ta' debilita` permanenti ta' 4% u lanqas (ii) id-decizjoni tal-Ewwel Qorti li m'ghandux ikun hemm tnaqqis ta' *lump sum payment*.

7. Il-konvenut m'appellax u lanqas ma pprezenta risposta ghall-appell intavolat mill-atturi.

**Fatti mertu tal-kawza**

8. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix se terga' tirrepetihom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Damnum Emergens**

9. Illi dwar dan l-aggravju l-appellanti ghandhom ragun. Ghalkemm huma sofrew danni kawza ta' dan l-incident l-Ewwel Qorti naqset li tillikwida l-ammont mitlub minnhom bhala danni emergenti.

10. L-appellant Emanuel Bartolo, proprjetarju tal-mutur, talab is-somma ta' Lm445 **(€1,036.57)** bhala danni

kkagonati fl-istess mutur liema somma kienet giet specifikatament imsemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha fejn iddikjarat li dan l-ammont kien dovut u kellu jittiehed in konsiderazzoni izda ma sarx hekk.

11. L-istess gara fir-rigward tat-talba ghad-danni subiti mill-appellant Glen Bartolo dwar spejjez ghal medicini, farmacewtici u telf ta' introjtu mix-xoghol tieghu sakemm fieq. Hu ezebixxa d-dokumenti ZM1 sa ZM4 a fol. 40-42 fl-ammont ta' Lm 75.37 **(€175.56).**

12. L-appelant talab ukoll somma ghal telf ta' xoghol fl-ammont ta' Lm169.50 kull hmistax fuq kuntratt definit ghal perjodu minn meta ma kompliex imur ghax-xoghol sakemm spicca dan il-kuntratt, cioe` mit-13 ta' Lulju 2003 sad 9 ta' Settembru 2003 cioe` circa erba' gimghat. Is-somma tammonta ghal Lm678 **(€ 1579.32).**

13. L-Ewwel Qorti skartat l-ammonti msemmija fil-likwidazzjoni tad-danni.

14. Illi ghalhekk l-ammont ta' **€2791.45** huwa dovut bhala damnum emergens lill-appellanti kif fuq spjegat.

**Lucrum Cessans**

15. <u>Multiplier</u>

16. L-appellanti jissottomettu li l-*multiplier* ta' 30 sena adoperat mill-Ewwel Qorti huwa relattivament baxx tenut kont tal-eta` zghira ta' Glen Bartolo fid-dawl tal-eta` pensjonabbili.

17. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjez inkorsi minhabba l-hsara kagunata u t-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li

ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara". (App. **Sammut v. Zammit** deciza 3 ta' Dicembru 2004).

18. Illi hija gurisprudenza stabbilita llum li l-*multiplier* ghandu jkun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tal-imgarrab, li mhux necessarjament ghandha dejjem twassal sal-eta` ta' irtirar tal-vittima. Fil-kriterji adoperati hemm ċerta elastiċita` adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull kaz. Il-Qorti ghalhekk trid tiehu in konsiderazzjoni d-diversi kontingenzi tal-hajja (chances and changes of life) li minnhom jista' jghaddi l-imgarrab kif ukoll il-probabbilita` li l-eta` pensjonabbili nazzjonali tghola u z-zieda fl-aspettativa tal-hajja bl-avvanzi fil-kamp mediku.

19. Illi f'dan il-kaz l-appellant Glen Bartolo kellu 20 sena fid-data tal-incident. Ma jirrizultax li kien hemm xi jzommu milli jkollu hajja lavorattiva twila izda fl-istess hin ma jidhirx li d-dizabilita` b'xi mod effettwat avversament sew l-introjtu tal-appellant jew l-avvanz fil-karriera tieghu. Lanqas ma jirrizulta li d-dizabilita` ser tizdied drammatikament fil-futur[1]. Ghalhekk konsidrati dawn il-fatturi din il-Qorti thoss li l-appellant ghandu jinghata *multiplier* ta' 37 sena.

20. <u>Introjtu annwali u zidiet</u>

21. L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta strahet fuq paga netta sabiex tasal ghall-bazi tal-introjtu annwali tieghu u mhux dak gross[2].

22. Inoltre l-appellant isostni wkoll l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-potenzjal ta' zieda fl-introjtu tieghu dovut ghal avvanzi fl-impieg tieghu[3].

---

[1] Ara konkluzjoni tal-espert mediku a fol. 33.

[2] L-appellant ghamel referenza ghas-sentenzi **A.Saliba Sammut et v. Joseph Attard** Citaz Nru 2713/1997RCP deciza fil-25 ta' Jannar 2001 u **Mario Mizzi pro et noe v. Paul Genovese** et Citaz. Nru. 569/1998/RCP deciza mill-P.A. fit-22 ta' Marzu 2002 fejn gie deciz li hija l-gross salary li hija relevanti sabiex il-Qorti tikkonkludi kemm huwa dovut lill-imgarrab.

[3] L-appellant ghamel referenza ghas-sentenzi **Apap v. Degiorgio** deciza App 16 ta' Jannar 1984 u **Sultana v. Malta Drydocks Corporation** deciza Kumm. 28 ta' Mejju 1979,

23. Illi l-appellant ghandu ragun f’dan l-aggravju fis-sens, li fl-ewwel lok li hi l-*gross salary* li hija rilevanti sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni kemm hu dovut lill-appellant. Illi kif intqal mill-Qrati taghna, “L-Income Tax li seta` hallas id-decujus, ossia d-danneggjat, hija affari ta’ bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx” – **Muscat v. Schembri**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972. Fil-kawza **Micallef v. Cassar**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta’ Mejju, 1982, intqal li l-kontribuzzjonijiet li seta` ghamel id-danneggjat ghan-National Insurance, m’ghandhomx jitnaqqsu mill-paga tieghu. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Farrugia**, deciza fit-23 ta’ Novembru, 1983, kienet qalet li “m’ghandu jsir ebda deduzzjoni ta’ PAYE jew ta’ kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Nazzjonali mill-ammont tad-danni likwidat favur il-parti leza”. (minn **Formosa v. Spiteri** deciza fit-28 ta’ April 2005).

24. L-appellant isostni fit-tieni lok li fil-kalkolu li ghamlet l-Ewwel Qorti hi kellha tiehu in konsiderazzjoni z-zieda potenzjali fid-dhul tieghu.

25. Illi huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi joghlew u dan bhala rizultat tal-inflazzjoni li teffettwa l-*purchasing power* ta’ dak li jkun. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza **Galea v. Fenech** deciza fis-16 ta’ Marzu 2004, “Meta d-danni jirraprezentaw kumpens ghal telf futur, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala “multiplier”.

26. Fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti hadmet fuq paga ta’ Lm126.29 net[4] meta fil-fatt kellha tahdem fuq paga gross ta’ Lm129.70. L-Ewwel Qorti lanqas ma hadet in konsiderazzjoni zidiet potenzjali fl-introjtu tal-appellant. Din il-Qorti ghalhekk ser tikkalkola l-introjtu tal-appellant

---

fejn gie ddikjarat illi fil-kalkolu tal-paga l-Qorti trid tikkunsdra z-zieda potenzjali fid-dhul tal-imgarrab.

[4] L-appellant Glen Bartolo kellu kuntratt definitiv bil-Lm84.75 fil-gimgha (fol. 43), u kien jahdem ukoll fuq bazi part-time b’inqas paga (ara fol. 51). L-ewwel Qorti kkalkolat fuq il-bazi *partime*.

Glen Bartolo abbazi ta’ paga ta’ Lm150 (€349.41) kull hmistax.

27. Ghalhekk il-lucrum cessans ghandu jinhadem hekk:

**Lm 75 x 52 x 37 x 4 = Lm5,772 (€13,455.14)**

28. Ghaldaqstant l-ammont totali li ghandu jithallas lill-appellanti huwa ta’ **€16,236.59**.

**Decide**

23. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel talba tal-atturi appellanti, tirrevokaha fejn fit-tieni talba kienet illikwidat danni komplessivi ta’ €9,178.31 u minflok tillikwida s-somma ta’ **€16,236.59** u konsegwentement in vista tat-tielet talba tikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellanti s-somma hekk likwidata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------